MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 2781/1997/1

**Vincenza sive` Sina Spiteri**

**vs**

**Dr Francesco Depasquale u PL Mario Mifsud Bonnici kuraturi nominati biex jirrapprezentaw lill-assenti ragel tal-attrici Alfred Spiteri**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti konjugi Spiteri zzewgu fl-elf disa' mija u wiehed u sebghin;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;

Illi l-attrici kienet abbandunata mir-ragel taghha ghal aktar minn sentejn minghajr raguni tajba skond il-ligi;

Illi b'digriet numru 684/97 moghti fl-10 ta' Gunju 1997 misSekond'Awla tal-Qorti Civili l-attrici giet debitament awtorizzata li tipprocedi ghall-firda personali minn ma zewgha;

Illi ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex m'ghadhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

2. Tawtorizza lill-attrici li tghix separata minn ma' zewgha.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu r-retta alimentarja xierqa w adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici.

4. Tapplika interament jew in parti d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici Civili.**

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut skond kif din il-Qorti jidhrilha xieraq, u dan billi, okkorrendo tinnomina perit sabiex jaghmel il-likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircevi l-att relattiv u karutar sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

6. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem isSekond'Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenut illi huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista ta’ xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati a fol 9 fejn gie eccepit:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jaghtu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda a fol 10 u 11 tal-process;

Rat il-verbali tal-11 ta’ Marzu 1999 fejn il-kuraturi ddikjaraw li m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghmlu fuq il-mertu; tat-28 ta’ Mejju 1999 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Monica Borg Galea biex tigbor il-provi.

Rat il-verbali tad-29 ta’ Ottubru 1999, tal-5 ta’ April 2000, tat-30 ta’ Mejju 2000, 11 t’Ottubru 2000, 4 ta’ Dicembru 2000, 2 ta’ Mejju 2001, 13 ta’ Novembru 2001, 23 ta’ Jannar 2002, 12 ta’ April 2002, 3 t’Ottubru 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta u fejn Dr Louis Thompson ghall-attrici nforma lill-Qorti li rcieva l-inkartament tad-Divorzju effettwat fil-Kanada; tal-11 ta’ Dicembru 2002 fejn Dr Thompson prezenta xi dokumenti u l-attrici prezenti ddikjarat bil-gurament taghha prospett, u Dr Thompson iddikjara li m’ghandux provi aktar.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fl-4 t’Ottubru 1999, fil-11 ta’ Settembru 2000, 28 ta’ Gunju 2001 u 5 ta’ Marzu 2002.

Rat in-nota tal-kuratur tas-27 ta’ Jannar 2003 fejn esebixxa ittra tal-konvenut (fol 37 sa 68).

Rat il-verbal tad-19 ta’ Frar 2003 fejn id-difensjuri ddikjaraw li baqa’ jigi deciz il-konsistenza tal-komunjoni u divizjoni w assenjazzjoni taghha (lista a fol 35). L-attrici ddikjarat li d-dar matrimonjali hija parafernali u l-attrici

tghix fiha esklussivament. Dwar l-alimenti l-attrici ma tafx x'hinu l-imjieg tal-konvenut. Id-difensuri talbu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Marzu 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet bit-talbiet kollha konsegwenzjali ghall-istess kif kontenuti fic-citazzjoni attrici fuq indikata li ghaliha qed issir referenza.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fid-19 ta' Settembru 1971 u wara xi xahrejn telghu jghixu l-Kanada, skond l-attrici kellhom jghixu hemm ghall-hames snin u jerghu jirritornaw Malta. Wara l-partijiet kellhom iben – Kevin – u l-attrici xi tlett snin u nofs wara li kienu waslu l-Kanada giet lura Malta bit-tifel wahedha, pero` l-konvenut baqa' l-Kanada. Jidher car mill-provi li kien hemm disgwid bejn il-partijiet fejn kellhom jghixu, fejn l-attrici kienet tippreferi li tigi Malta, filwaqt li l-konvenut kien ipprefera li jibqa' l-Kanada fejn fil-fatt ghadu sallum.

Illi fis-sena 1985 circa l-attrici jirrizulta li giet Malta bl-intenzjoni li tibqa' hawn Malta anke ghalkemm giet minghajr binha. Wara sentejn gie Malta l-konvenut flimkien ma ibnu, pero` ghalkemm l-istess wild tal-partijiet thalla Malta, il-konvenut kien mar lura l-Kanada. Minn hawn jidher li l-affarijiet baqghu hekk u kull parti kienet tinsisti li ghandha tghix skond il-preferenza taghha, bil-konsegwenza li l-attrici baqghet Malta u l-konvenut baqa' jghix il-Kanada. Manteniment jirrizulta li thallas mill-konvenut san-1992, ghalkemm waqaf ghal kollox ihallas kull tip ta' manteniment fl-1994.

Illi jidher li r-relazzjoni bejn il-partijiet waqfet ghal kollox fin-1994 u minn dak iz-zmien l-attrici ghexet bl-assistenza

socjali u wkoll minn xi ghajnuna minn binha li jidher li llum waqfet.

Illi dejjem skond l-attrici, li in verita` f'din il-kawza hija l-unika wahda li resqet provi skond id-disposizzjonijiet tal-ligi, jidher li hija sselfet ukoll xi flus minghand huha Frans Ferriggi sabiex hija tixtri xi affarijiet ghad-dar fejn kienet tirrisjedi, liema affarijiet jinsabu ndikati fil-lista mmarkata bhala dokument "VS2" a fol. 35 tal-process. Fil-fatt l-attrici tghid li sselfet is-somma ta' Lm1,500, li minnhom ghadhom dovuti l-ammont ta' Lm400.

Illi minn dan kollu jidher li t-talba atttrici ghas-separazzjoni ghandha tigi milqugha, *stante* li mill-provi minnha prodotti jidher li z-zwieg tkisser irremedjabilment u l-konvenut abbanduna lill-attrici, meta hija, skond kif kienu fthemu qabel, kienet irritornat lura lejn dan il-pajjiz mill-Kanada, fejn invece huwa baqa' jghix sallum, u l-istess partijiet ilhom fil-fatt ma jghixu flimkien minn cirka 1987/88, meta l-konvenut wara li kien gie Malta ghal xi xhur, telaq lura lejn il-Kanada, u qata' kull kuntatt mal-attrici minn 1994, b'dan li jista' jinghad li l-istess zwieg tkisser irremedjabbilment, u li l-konvenut abbanduna lill-attrici fit-termini tal-ligi; infatti l-konvenut jidher ukoll li ottjena divorzju mill-attrici mill-Qorti ta'  Ontario, liema divorzju pero` ma jidhirx li gie registrat hawn Malta bil-mod previst mill-Ligi.

Illi dwar manteniment hemm id-dikjarazzjoni tal-attrici fil-verbal tad-19 ta' Frar 2003 fejn quddiem din il-Qorti ddikjarat li hija ma ghandhiex hjiel dwar l-impjieg tal-istess zewgha, u ghalhekk ghalkemm jidher li jezisti d-dritt tal-attrici ghall istess retta alimentari, anke peress li hija ma jidhirx li ghandha ebda introjtu jew impjieg, izda biss assistenza socjali mill-Gvern, ma ingabet l-ebda prova dwar l-assi tal-konvenut, u l-impjieg jew introjtu iehor tieghu, u ghalhekk din il-Qorti hija impossibbilitata li tasal ghal xi ammont ta' alimenti, minhabba dan in-nuqqas ta' provi.

Illi dwar il-komunjoni tal-akkwisti jidher li teknikament din tikkonsisti fl-effetti mobbli ndikati a fol. 35 tal-process konsistenti f'kamra tas-sodda, kcina, *washing machine,*

*fridge/freezer, tumble dryer*, skrivanija u xi mobbli ohra fil-valur ta' Lm50, li lkoll gew mixtrija mill-istess attrici fil-permanenza taghha Malta minn flus li hija sselfet minghand terza persuna, li jidher li ghad ghandha debitu mieghu ta' cirka Lm400.

Illi ghalhekk din il-Qorti tiddikjara li abbazi tal-provi prodotti jirrizulta li l-istess oggetti huma teknikament formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ghaliex gew akkwistati waqt iz-zwieg, pero` mill-introjtu tal-istess attrici, inkluz is-self minnha msemmi, u b'applikazzjoni wkoll tal-**artikolu 48,** din il-Qorti thoss li tali mobbli ghandhom jigu assenjati lill-attrici bhala sehmha mill-istess komunjoni, u dan anke in vista tal-fatt li x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi reza effettiva mis-sena 1990, u cjoe` minn meta l-konvenut telaq lura lejn il-Kanada, b'dan pero` li l-istess attrici tibqa' responsabbli ghal kull dejn li talvolta ghadu ezistenti fuq l-istess mobbli.

Illi ghal kull effett u *buon fini* tal-ligi jidher li l-attrici sostniet li d-dar matrimonjali kienet proprjeta' parafernali taghha u hija tghix fiha esklussivament, u ma jidhirx li l-istess konvenut b'xi mod vanta xi dritt fuq l-istess, u ghalhekk l-attrici ghandha tibqa' tghix fl-istess dar matrimonjali esklussivament bl-esklussjoni tal-konvenut.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha biss kif hawn premess.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma inkompatibbli ma dak fuq premess u hawn deciz, u filwaqt li **tichad is-sitt (6) talba** attrici *stante* li ma jirrizultax mill-provi li l-konvenut ghandu xi proprjeta' parafernali tal-attrici fil-pussess tieghu, **tilqa' t-talbiet attrici l-ohra kollha** biss kif hawn qed jigi deciz, b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut *stante* l-abbandun *da parte* tal-konvenut fit-termini tal-ligi u wkoll

peress li l-hajja bejn il-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment.

2. Tawtorizza lill-attrici li tghix separata minn ma' zewgha.

3. Tiddikjara li l-attrici ghandha llum id-dritt li tigi mantnuta mill-istess konvenut, pero` *stante* li mill-provi ma jidhirx li l-attrici gabet xi provi dwar l-introjtu u l-mezzi attwali tal-konvenut, din il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba attrici sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici martu r-retta alimentarja xierqa w adegwata li tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici, ghalkemm tirriserva d-dritt lill-attrici sabiex tressaq tali talba fiz-zmien opportun, jekk jirrizulta li l-konvenut ghandu ntrojtu sufficjenti sabiex ihallas tali manteniment, jekk kemm-il darba tali dritt tal-attrici jibqa' jissussisti.

4. Tapplika interament d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** b'dan li fil-kuntest tal-**artikolu 48 (1) (c),** li l-konvenut ghandu jigi kkunsidrat li kien hati tal-firda b'effett mis-sena 1990.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett mis-sena 1990, data meta l-konvenut instab b'din id-decizjoni li kien hati tal-firda, tillikwida l-istess komunjoni b'dan li jigi ddikjarat li din ma tikkonsisti fl-ebda assi ta' valur partikolari hlief l-effetti mobbli ndikati a fol. 35 tal-process konsistenti f'kamra tas-sodda, kcina, *washing machine, fridge/freezer, tumble dryer*, skrivanija u xi mobbli ohra fil-valur ta' Lm50, li lkoll gew mixtrija mill-istess attrici fil-permanenza taghha Malta minn flus li hija sselfet minghand terza persuna, li jidher li ghad ghandha debitu mieghu ta' cirka erba' mitt lira Maltija (Lm400), u ghalhekk b'applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (c)** l-istess effetti mobbli ghandhom jigu assenjati lill-attrici flimkien ma' kull debitu gravanti l-istess mobbli, b'dan ukoll li d-dar matrimonjali rrizulta li hija proprjeta' parafernali tal-istess attrici, u l-istess attrici ghandha skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 55A** tabita fl-istess

fond attwali esklussivament u bl-eskluzjoni tal-konvenut, li *di piu`* ma jirrizultax li ghandu xi dritt fuq l-istess fond.

6. Tichad din it-talba sabiex tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha *stante* nuqqas ta' provi dwar l-istess.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem isSekond'Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenut assenti, fil-waqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------